MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 1283/2000/1

Avviz Nru.: 1283/00

Paul & Rocco (Gzira) Limited

Vs.

Anthony u Josephine Fenech

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u tnejn u hamsin liri Maltin (Lm852.00), u l-interessi relattivi rapprezentanti import ta' tnax (12)-il kambjala ta' wiehed u sebghin lira maltin (Lm71)-il wahda mhux imhallsa minnhom.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-atturi tas-26 ta’ Ottubru 2001 fejn cedew is-sorte izda zammew ferm il-Kap tal-ispejjez.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba attrici dwar l-ispejjez u filwaqt illi tastjeni li tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sorte tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------